

## POŻIZZJONI KOMUNI TAL-KUNSILL 2008/844/PESK

tal-10 ta' Novembru 2008

li temenda l-Pożizzjoni Komuni 2006/276/PESK dwar miżuri restrittivi kontra ċerti uffiċjali tal-Belarus

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 15 tiegħu,

Billi:

- (1) Fl-10 ta' April 2006, il-Kunsill addotta l-Pożizzjoni Komuni 2006/276/PESK dwar miżuri restrittivi kontra ċerti uffiċjali tal-Belarus u li tħassar il-Pożizzjoni Komuni 2004/661/PESK <sup>(1)</sup>.
- (2) Fit-13 ta' Ottubru 2008, il-Kunsill qabel li l-miżuri restrittivi previsti fil-Pożizzjoni Komuni 2006/276/PESK għandhom jiġu estiżi għal perijodu ta' 12-il xahar. Sadanittant, il-Kunsill qabel ukoll li r-restrizzjonijiet ta' soġġorn maħsubin għal ċerti uffiċjali tal-Belarus, bl-eċċezzjoni ta' dawk involuti fl-għajbien tal-1999-2000 u tal-President tal-Kummissjoni Elettorali Ċentrali, m'għandhomx japplikaw għal perijodu ta' sitt xhur li jiġġeddu, bil-ħsieb li jiġu mħeġġa d-djalogu mal-awtoritajiet tal-Belarus u l-adozzjoni ta' miżuri għat-tisħiħ tad-demokrazija u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem.
- (3) Wara l-perijodu ta' sitt xhur imsemmi hawn fuq, il-Kunsill ser jerġa' jeżamina s-sitwazzjoni fil-Belarus u jevalwa l-progress miksub mill-awtoritajiet Belarusjani fir-rigward tar-riforma tal-kodiċi elettorali, bil-mira li dan isir f'konformità mal-impenji mwettqin fil-qafas tal-OSCE u l-istandards internazzjonali l-oħra dwar elezzjonijiet demokratiċi. Il-Kunsill japprezza wkoll kull azzjoni konkreta oħra mmirata lejn ir-rinfurzar tar-rispett tal-valuri demokratiċi, id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, inkluż il-libertà tal-espressjoni u tal-istampa, kif ukoll il-libertà ta' assemblea u ta' assoċjazzjoni politika, u l-Istat tad-Dritt. Il-Kunsill jista' jiddeċiedi li japplika r-restrizzjonijiet ta' soġġorn aktar kmieni jekk ikun meħtieġ, fid-dawl tar-restrizzjonijiet tal-awtoritajiet tal-Belarus fil-qasam tad-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem.
- (4) Il-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2008/288/PESK tas-7 ta' April 2008 li ġġedded miżuri restrittivi kontra ċerti uffiċjali tal-Belarus sal-10 ta' April 2009 għandha tiġi revokata.

ADDOTTA DIN IL-POŻIZZJONI KOMUNI:

Artikolu 1

Il-Pożizzjoni Komuni 2006/276/PESK hija b'dan estiża sat-13 ta' Ottubru 2009.

Artikolu 2

1. Il-miżuri previsti fl-Artikolu 1 (1)(b) tal-Pożizzjoni Komuni 2006/276/PESK, safejn japplikaw għas-Sur Youri Niko-laievitch Podobed, huma sospiżi sat-13 ta' April 2009.

2. Il-miżuri previsti fl-Artikolu 1 (1)(c) tal-Pożizzjoni Komuni 2006/276/PESK, huma sospiżi sat-13 ta' April 2009.

Artikolu 3

Qabel it-13 ta' April 2009, din il-Pożizzjoni Komuni għandha tiġi eżaminata mill-ġdid fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Belarus.

Artikolu 4

Il-Pożizzjoni Komuni 2008/288/PESK hija b'dan imħassra.

Artikolu 5

Din il-Pożizzjoni Komuni għandu jkollha effett mill-jum tal-adozzjoni tagħha.

Artikolu 5

Din il-Pożizzjoni Komuni għandha tiġi pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussell, 10 ta' Novembru 2008.

Għall-Kunsill

Il-President

B. KOUCHNER

<sup>(1)</sup> ĠU L 101, 11.4.2006, p. 5.